**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Magistrat**
**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can.)**

**Seduta mizmuma llum 16 ta' Dicembru 2015.**

**Avviz Numru 37/2014 CSH**

**Joseph Galea (51263M) u martu Rita Galea (6665M)**

**VS**

**Ultralux Furniture Limited (C-35877) u Joseph Cini li gie kkjamet in kawza b'digriet tal-11 ta' Frar, 2015**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-atturi li gie pprezentat nhar l-4 ta' Frar 2014 fejn talbu lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta Ultralux Furniture Limited prevja:

(i) dikjarazzjoni li l-ghamara tal-kcina provduta u kkonsenjata minnhom lir-rikorrenti, fuq inkarigu tal-istess rikorrenti, kif deskritt ahjar fil-kopja

tal-kuntratt annessa bhala Dok. JG1, ma saritx skond is-sengha u l-arti u rizultat ta' dan bdiet tiddeterjora kif spjegat fl-anness rapport peritali *ex parte* Dok. JG2;

(ii) dikjarazzjoni li b'rizultat ta' tali deterjorament giet ikkawzata wkoll hsara fil-wicc tal-irham tal-istess kcina, kif ukoll jirrizulta mill-anness Dok. JG2;

(iii) likwidazzjoni tad-differenza fil-valur tal-ghamara msemmija bhala rizultat tal-premess u/jew likwidazzjoni tad-danni u spejjez inkorsi jew li ser jigu nkorsi mir-rikorrenti ghar-ragunijiet premessi u ghalhekk dovuti minnhom lir-rikorrenti fis-somma ta' disat elef, mija u hamsa u hamsin Ewro u tmienja u tmenin centezmu (€9,155.88), konsistenti fis-somma ta' tmint elef, seba' mija u hamsin Ewro u tmienja u tmenin centezmu (€8,750.88) kif spjegat f'pagna 5 ta' Dok. JG2 u erba' mitt Ewro (€400) spejjez peritali *ex parte* ai termini tal-Art. 223(5) tal-Kap 12; jew ammont verjuri li dina l-Onorabbli Qorti tista' tillikwida

Ihallsu lill-atturi s-somma ta' disat elef, mija u hamsa u hamsin Ewro u tmienja u tmenin centezmu (€9,155.88) jew is-somma li tigi likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti, bl-imghax u bl-ispejjez legali, rapprezentanti tas-socjeta' intimata ngunti minn issa in subizzjoni.

Rat ir-risposta tas-socjeta' konvenuta kif prezentata fir-registru ta' din il-Qorti nhar l-4 ta' Marzu 2014 fejn eccepiet is-segwenti:-

1. *"Illi it-talbiet ta' l-atturi ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi huma infondati fil-fatt u fid-dritt.*
2. *Illi s-socjeta' konvenuta mhiex responsabbli ghall-allegat problemi fil-wicc tal-irham tal-kcina stante li t-tqeghid tal-irham ma sarx minnha u*

*ghaldaqstant is-socjeta' konvenuta ma tistax twiegeb ghal materjal u xoghol li ma sarx minnha.*

3. *Illi l-installazzjoni tal-appliances partikolarment tad-dishwasher u tal-gas hob ma saritx mis-socjeta' attrici u ghadaqstant bl-ebda mod ma tista' twiegeb ghal xi responsabilita' s-socjeta' konvenuta.*
4. *Ili in oltre kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza il-built in oven tal-marka Bosch akkwistat minghand Oxford House Limited kien difettuz u fil-fatt l-istess socjeta' assumiet responsabilita' ghad-danni f'dik il-parti tal-kcina.*
5. *Salv eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.*

*Bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti."*

Rat in-nota ta' riduzzjoni li giet ipprezentata mill-atturi waqt is-seduta tat-2 ta' April, 2014 li permezz taghha l-atturi rriducew il-pretensjonijiet taghhom ghal tmint elef, mitejn u sebgha u hamsin Ewro u tnejn u sittin centezmu (€8,257.62), stante assunzjoni ta' responsabilita' da parti ta' terzi dwar it-tieni partita a fol 10.

**Il-Perit Andrew Sapienza** xehed fis-7 ta' Mejju, 2014 fejn iddikjara li qed jara r-rapport tieghu li hu esebit f'dawn l-atti a fol. 6 et seq., immarkat bhala Dokument JG2. Huwa spjega li flimkien mar-rapport tieghu hemm numru ta' ritratti mehuda minnu stess. Il-Perit tenna li effettivament huwa kien gie nkarigat sabiex johrog *condition report* dwar kcina u allegatament din l-istess kcina kienet giet installata xi hames xhur qabel. Din il-kcina kienet wahda gdida. Huwa sab li l-*kitchen top* ta' din il-kcina kien imxaqqaq u l-*boards* li kienu jinsabu madwar l-*appliances* tal-istess kcina kienu diga bdew jespandu u dan minhabba certu *moistures*. Naturalment fi kcina gdida fjamanta wiehed ma

kienx jippretendi li wara hames xhur il-mejda tibda tinqasam u l-injam jibda jitmermer.

Il-Perit spjega illi huwa kien gie mitlub sabiex jaghmel rapport dwar dak li sab f'din il-kcina. Huwa evidenti ghalih li fis-*sub structure* tal-*island* ma kienx hemm hsieb bizzejjed sabiex ikun jiftlah jerfa' l-piz tal-wicc tal-mejda in kwistjoni. Wara li sar dan ir-rapport huma ghamlu testijiet fuq l-*appliances* u dan sabiex jaraw jekk kienx hemm xi konnessjoni bejn xi *appliances* li setghu kienu difettuzi u li setghu ikkontribwew ghal din l-istess hsara, u ra li d-*dishwasher* li tinsab fl-*island* ma kienetx difettuza. Ghalhekk huwa seta' facilment jikkonkludi li l-*island* in kwistjoni ma kienetx installata skont is-sengha u l-arti. Huwa ghamel referenza wkoll ghal xi *cupboards* li kienu nstallati fuq in-naha ta' wara, fejn hemmhekk ukoll kien hemm l-injam li beda jespandi, ghalkemm meta ghamlu *test* fuq l-*appliance* li kien vicin kienu sabu li l-*appliance* in kwistjoni kien difettuz u fil-fatt is-*supplier* tal-forn kien ha responsabilita' ta' dik il-parti tal-kcina. Dawn it-testijiet saru wara li sar ir-rapport imhejji mix-xhud. Huwa tenna li meta jkun hemm *marble top*, jekk is-*sub structure* li jinsab taht dan l-istess *marble top* ma jkunx bizzejjed biex jerfa' dan l-irham, l-irham ma jkunx jiflah ghal certu caqliq u ghalhekk jixxaqqaq. Ghalhekk mill-ispezzjoni li saret b'mod vizwali minnu irrizulta li jista' jkun li hemm xi *weakening* tal-istruttura tal-injam sovrastanti ghall-istess irham, minhabba l-*moisture absorbtion* li jkun ha l-istess injam.

Ix-xhud qal ukoll li kien hemm xkafef wisghin u spjega li tahthom kien hemm biss *aluminium channel* li fil-fehma tieghu ma kienx b'sahhtu bizzejjed biex jiehu dak it-tip ta' piz tal-ixkaffa. Dwar il-forn ir-rizerva tal-perit kienet fis-sens li jekk tixtri kcina int tkun taf li madwar il-forn jew *dishwasher* ser ikun hemm certu fwar f'dawk l-akkwati u tippretendi li l-injam ikun *moisture resistant* f'dawk l-akkwati u ma tippretendix li l-injam gdid fjamant li lanqas

ikun ilu hemm installat hames xhur jibda jitmermer. Huwa kkonferma li l-forn kien difettuz u minhabba certu ilma li beda hiereg mill-forn jista' jkun li ghamel certu hsara aktar milli wiehed kien jippretendi. B'referenza ghal dak li l-perit kien kiteb fir-rapport tieghu qal li l-forn kien installat korrettament pero' l-forn kien difettuz. Ghalhekk is-*supplier* tal-forn kien ha responsabilita' tieghu.

Ix-xhud spjega li huwa ghamel *test* semplici permezz ta' spaga fuq l-*island* sabiex juri li kien hemm diflessjoni tal-*kitchen top*. Inoltre gibed ukoll ritratt. Huwa wasal ghall-konkluzzjoni li l-atturi sofrew xi hsarat u qal li huwa ra dak li kellu jigi mibdul u ha xi kwotazzjonijiet minghand *suppliers* u dan sabiex jara kemm kienet is-somma li kienet mehtiega biex jerga' jigi kollox kif ghandu jkun. Dan l-ammont jinkludi wkoll l-ispiza biex jigi mibdul il-*kitchen top*, stima biex jigi mibdul l-injam fil-gnub ta' din l-*island*, kif ukoll fil-gnub tal-forn, peress li l-wicc tal-irham kellu wkoll is-saqajn tal-irham ukoll. Ix-xhud assuma li una volta jitnehha l-wicc, dawn jinkisru u ghalhekk dawn ghandhom jigu mibdula wkoll. Il-Perit qal li ghalkemm huwa kkalkula ghal kemm jammontaw il-hsarat, pero' ma hadimx it-total, izda jaf li fis-somma mitluba fir-rikors promotur m'hemmx inkluza l-ispiza koncernata ghall-forn. Anzi huwa qal li effettivament kienet inkluza originarjament, pero' sussegwentement giet ridotta permezz ta' nota fil-mori tal-kawza. Stqarr uwkoll li ccargja s-somma ta' €400 ghal dan ir-rapport.

Illi f'dik l-istess seduta, wara li xehed il-Perit Andrew Sapienza, l-partijiet qablu li din il-Qorti kellha tinnomina perit tekniku, sabiex jiehu konjizzjoni tat-talba rikorrenti u tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta stante n-natura teknika tal-kaz.

Illi ghalhekk din il-Qorti nnominat lil Perit Valerio Schembri ghal dan il-ghan.

Illi nhar is-7 ta Jannar 2015 deher il-Perit Tekniku Valerio Schembri u pprezenta r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok VS (fol. 30 et seq.). Huwa kkonkluda li r-rikorenti sofrew danni fl-ammont ta’ tlett elef Ewro €3000) sabiex tissewwa l-kcina taht il-wicc u dwar it-talba ta’ erba’ mitt Ewro (€400) li r-rikorrenti hallsu lill-Perit taghhom *ex parte* Andrew Sapienza, l-Perit Tekniku jghid li l-ammont imhallas huwa wiehed ragonevoli pero’ astjena milli jghid jekk l-intimati ghandhomx ihallsu tali somma w halla din il-kwistjoni f’idejn l-Qorti.

Rat in-nota ta’ cessjoni u ta’ riduzzjoni parzjali tal-atturi pprezentata fl-atti nhar is-17 ta’ Gunju 2015 fejn permezz ta’ dan l-att huma cedew it-talbiet taghhom kif dedotti fil-konfront tal-kjamat in kawza Joseph Cini u dan stante transazzjoni mal-isess Joseph Cini li obbliga ruhu li jissostitwixxi l-wicc tal-bank tal-kcina *de quo*, kif ukoll irriducew l-ammont tat-talba taghhom fil-konfront tas-socjeta’ konvenuta ghall-ammont ta’ tlett elef u erba’ mitt Ewro (€3,400) u cioe’ l-ammont likwidat mill-abbli perit tekniku fil-konfront tas-socjeta’ konvenuta.

Rat in-nota tas-socjeta’ konvenuta li permezz taghha pprezentat zewg affidavits wiehed ta’ George Martin id-Direttur u sid is-socjeta’ konvenuta u l-iehor ta’ Christian Elsworth, il-*fitter* u l-*maintenance after sales person* ta’ l-istess socjeta’ konvenuta.

**George Martin**, Direttur tas-socjeta konvenuta xehed li ilu jokkupa din il-kariga ta’ Direttur ghal aktar minn ghaxar snin, ghalkemm ghandu esperjenza fuq immanifatturar ta’ ghamara ta’ iktar minn erbghin (40) sena. Qal li bhala Ultralux Furniture, qeghdin gewwa z-zona Industrijali ta’ Hal Luqa fejn hemm kemm is-*show room* kif ukoll il-fabbrika fejn jigi manifatturat ix-xoghol. Bhala Ultralux Furniture huma jimmanifatturaw ghamara lokali u jwahhluha ghand il-

klijenti. Spjega li l-ghamara li jimmanifatturaw hija *tailor made* u cioe' maghmula skond l-ghazla tal-klijent. Ovvjament ir-reponsabilita' taghhom hija limitata biss ghall-ghamara li jkunu mmanifatturaw u wahhlu fuq il-post u ghalhekk ingenji jew apparat iehor relatat mal-ghamara bhal certu *appliances* u *working tops* ma jkunux responsabilita' taghhom. Dan ghaliex il-klijent li jkollu bzonn dawn it-tip ta' affarijiet irid ikun ordnahom minghand haddiehor u jitwahhlu separatament u mhux minnhom u ghalhekk huma fl-ebda mument ma jkunu involuti.

Spjega li sar jaf bil-kaz specifiku ta' Joseph Galea peress li kien qallu bih Christian Elsworth. Ikkonferma li x-xoghol ta' dan Elsworth huwa ta' *maintenance after sales person* u fil-fatt huwa wkoll jissettja l-bibien u l-qisien ta' l-ghamara wara li jkun twahhal kollox kemm min-naha taghhom bhala ghamara u kemm min-naha ta' haddiehor f'dak li jirrigwarda ingenji w apparat relatat mal-ghamara li jkunu wahhlu. Wara kull darba li kien imur ghand in-nies kien imur ghandu sabiex jispjegalu xi jkun ghamel u jekk kollox kienx mar kif suppost.

Ftakar li Christian kien qallu li meta mar biex jaghmel il-*maintenance settings* tal-bibien tal-kcina hu nnota illi l-wicc tal-irham tal-kcina kien maqsum u kien hemm ukoll tnixxija (*leakage*) ta' ilma li kien gej minn x'imkien u li kien qed iqattar gol-ghamara tal-kcina stess. Qal li Elsworth kien sahansitra informa lis-Sinjura Galea u cioe' mart Joseph, meta hi lanqas biss kienet ilmentat mieghu. Lil Christian hu kien qallu li mal-wicc tal-irham tal-kcina huma m'ghandhomx x'jaqsmu.

Ftakar illi xi ftit taz-zmien wara, Joseph Galea wara li kien ghamel appuntament ma' Lawrence Galea, li hu l-Managing Director taghhom, kien mar l-ufficcju taghhom gewwa Hal Luqa u mieghu kellu karta miktuba mill-avukat tieghu fejn

talbu sabiex jiffirmaha. Huwa beda jaqra dak li kienet tghid din il-karta u nduna li kien hemm imnizzel fiha illi bil-firma tieghu huwa kien ser jassumi r-responabilita' kollha tal-wicc ta' l-ghamara kollha kif ukoll ghall-hsarat illi kien hemm fil-wicc tal-*cupboards* tal-kcina minhabba t-tnixxija ta' l-ilma. Huwa fil-fatt lanqas biss kompla jaqraha w taha lura lis-Sur Galea u qallu li ma kien lest li jiffirma xejn peress li ma kienx ser jassumi responsabilita' ta' xi haga li l-kumpanija tieghu ma kellhiex x'taqsam maghha. Dan ghaliex il-wicc tal-irham tal-kcina ma kienx twahhal minnhom u l-materjal supplit minnhom fejn kien hemm it-tnixxija ta' l-ilma kien materjal li dejjem jahdmu bih u li qatt ma kellhom ilmenti w problemi fuqu. Fil-fatt huwa materjal tajjeb hafna u li jiflah ghall-ilma wkoll. Galea kien infurmah illi kien se jmexxi kif jidhirlu hu. Dakinhar kien hemm prezenti wkoll Lawrence Galea, il-Managing Director tal-kumpanija, peress li kien hu li ha hsieb li jaghti appuntament lil Joseph Galea.

Fil-fatt Lawrence Galea mar fuq il-post in kwistjoni xi tliet darbiet jiccekkja l-affarijiet fejn kull darba li mar hu dejjem ikkonkluda w qallu li huma bhala Ultralux Furniture ma kienux responsabbli. Dan ghaliex il-hsara illi kien hemm fil-kcina kienet rizultat ta' *leakage* fl-apparat tas-sink apparti l-hsara li kien hemm ukoll fil-wicc tal-irham tal-kcina liema hsarat huma ma kellhomx x'jaqsmu maghhom peress li ma kienux huma li wahhlu dawn l-affarijiet.

Jghid li f'wahda minn dawn id-drabi Lawrence Galea kien mar ghand is-Sur Joseph Galea, u kien hemm prezenti wkoll rapprezentant tal-Bosch, li kienet il-kumpanija li kienet stallat xi *appliances* fil-kcina tas-Sur Galea fosthom il-forn u d-*dishwasher*. Fil-fatt l-istess kumpanija Bosch kienet ammettiet ir-responsabilta' taghha ghat-tnixxija tal-ilma mill-forn, tant hu hekk illi talbuhom jaghmlu stima tal-hsarat illi kien hemm, pero' m'assumewx responsabilta' tal-hsarat rizultanti mit-tnixxija ta' l-ilma mid-*dishwasher*. Jixtieq izid ukoll illi

Joseph Galea kien inkariga xi mastrudaxxa apparti sabiex jaghmlilhom xi xoghlijiet fil-kcina stess, liema mastrudaxxa ma jafx x'jismu.

Wara certu zmien kien ircieva xi karti w induna li Joseph Galea kien fethilhom kawza. Jghid li waqt is-seduti li nzammu quddiem il-Perit Tekniku Valerio Schembri, s-Sur Galea kien heddu sabiex ma jiftahx halqu. Huwa sostna li r-rapport tal-Perit Valerio Schembri jikkonferma li kien hemm hsara fil-wicc ta' l-irham li ma giex mahdum u mpoggi min-naha taghhom u li kien hemm perkolazzjoni ta' l-ilma u huma ma jahdmux fl-ilma.

**Christian Elsworth** xehed u qal li ilu jahdem mas-socjeta' konvenuta sa mis-sena 2005 bhala *fitter* u *maintence after sales person*. Spjega li huwa jissettja l-bibien u jiehu l-qisien ta' l-ghamara wara li jkun twahhal kollox kemm min-naha taghhom bhala Ultralux Furniture kif ukoll min-naha ta' haddiehor f'dak li jirigwardja apparat relatat mal-ghamara li jkunu wahhlu huma stess.

Fil-fatt kien mar fil-proprjeta' tas-Sur Galea sabiex jissettja l-bibien tal-kcina li kienu ghamlu izda bhal ma jaghmel dejjem qabel ma jibda jissettja l-bibien, jiccekkja illi kollox ikun qieghed f'postu peress illi wara li jkunu ghamlu x-xoghol generalment imorru rapprezentanti ta' kumpaniji ohra sabiex jiffittjaw u jpoggu l-*appliances* jew apparat iehor relatat mal-ghamara li jkunu ghamlu. Fil-fatt kull darba li huma jwahhlu kcina u wara li jitwahhlu l-*appliances* u l-wicc minn kumpaniji ohrajn, hu jmur jiccekkja li kollox ikun sew u jekk hemmx bzonn isiru xi aggustamenti, specjalment fil-bibien tal-kcina.

Ftakar li waqt li kien qed jiccekkja l-bibien tal-kcina fil-proprjeta' tas-Sur Galea gibed l-attenzjoni tas-Sinjura Galea illi kien hemm tnixxija tal-ilma mill-forn illi kienet qed tipperkola fil-*cupboards* tal-kcina. Hi giet ticcekkja w jiftakar illi dak il-hin stess kienet cemplet lil tal-Bosch u cioe' minn fejn kienet xtrat l-

*appliances* taghha, izda ma tax kaz x'intqal. Dakinhar stess kienet qaltlu wkoll li kienet ghamlet il-borma tal-mishun fuq il-*hob* u semghet hoss u sabet l-irhama tal-wicc tal-kcina maqsuma. Jghid li dan ma qalitulux bi glied izda iktar biex tiftah qalbha wara li kien ghadu kif gibdilha l-attenzjoni illi kien hemm din it-tnixxija ta' l-ilma. Jghid ukoll li fl-ebda hin ma gergret dwar ix-xoghol illi kienu ghamlu huma.

Ikkonferma li kull darba li jmur ghand in-nies biex jaghmel l-aggustamenti fix-xoghol li jkunu nstallaw dejjem jinforma b'dak li jkun ghamel lil George Martin u lil Lawrence Galea. F'dan il-kaz allavolja huma ma kellhomx x'jaqsmu mal-hsarat illi kien hemm fil-kcina tas-Sur Galea peress illi kienu jirrigwardaw hsarat fuq xoghol illi ma kienux ghamlu huma, xorta wahda kif jigri is-soltu informa lil George Martin u Lawrence Galea b'dak li kien sab fil-proprjeta' tas-Sur Galea.

Imbaghad jghid li darba mar ma' Lawrence Galea fil-proprjeta' tas-Sur Joseph Galea u Lawrence Galea beda jispjega lil Joseph Galea illi x-xoghlijiet min-naha taghhom kienu kollha kif suppost u f'posthom u l-hsarat illi rrizultaw fil-kcina taghhom kienu biss rizultat ta' xoghol maghmul hazin minn min ghamlilhom l-*appliances* fil-kcina u specjalment fit-tqeghid tal-irham fuq il-wicc tal-kcina.

Jikkonkludi billi jghid illi kien rega' mar fil-proprjeta' tas-Sur Joseph Galea waqt access fejn kien gie mitlub ikun prezenti sabiex ikun jista' jaqla' l-kxaxen tal-kcina, izda fil-verita' l-perit imqabbad mill-Qorti ma kellux bzonnu u ghalhekk qaghad biss josserva dak li kien ghaddej.

Illi fil-15 ta' Lulju, 2015 is-socjeta' konvenuta pprezentat nota li permezz taghha gie pprezentat affidavit ta' **Lawrence Galea**, Manager tal-kumpanija Ultralux Furniture.

Jibda billi jghid illi huwa ilu Manager mal-kumpanija Ultralux Furniture ghal dawn l-ahhar tlieta w ghoxrin (23) sena u xoghlu jikkonsisti filli jiltaqa' mal-klijent, jara x'inhuma x-xewqat tieghu, jurih il-prodotti u jispjegalu dwar il-materjali wzati w iqabbdu mad-*designers* taghhom. Inoltre huwa responsabbli wkoll li jiehu l-qisien tal-materjal li hemm bzonn u fejn ikun hemm bzonn wara li jkun tpogga l-materjal imur fuq is-sit biex jaghmel it-tibdil necessarju.

Jispjega li f'dan il-kaz kien involut direttament u l-ewwel darba li ltaqa' mal-familja Galea kienet meta s-Sinjura Galea marret fl-ufficini taghhom f'Hal-Luqa w talbithom jghinuha fid-*designs* tal-ghamara tad-dar kollha w kien qdieha hu. Jiftakar li kien mar wahdu ghandhom biex ikejjel il-kmamar. Ix-xoghol li eventwalment inhadem kien jinkludi fost l-ohrajn it-tqeghid tal-kcina, twahhil tal-bibien, living room ecc. Jghid li wara li tlesta x-xoghol mar kemm-il darba ghand il-familja Galea u dawn dejjem qalu li kienu kuntenti bix-xoghol u qatt ma lmentaw.

Wara xi tliet (3) xhur kienu baghtu ghalih ghax qalu li kien hemm bzonn jitrangaw xi settings tal-bibien tal-kcina, haga normalissima. Waqt li kien qed jiccekkja sab li kien qed inixxi ilma min-naha tas-sink, tad-dishwasher u tal-forn u gharraf b'dan lis-sinjuri Galea li lanqas biss kienu jafu, u avzahom biex jiehdu hsieb ghax ma kinitx responsabilita' tal-kumpanija taghhom, izda xi tliet gimghat wara kien rega' baghat lil Christian u dan sab li l-ilma kien ghadu jnixxi u sussegwentement hu kien cempel lis-Sinjuri Galea biex jissollecitahom jiehdu hsieb din il-problema biex ma ssirx hsara fil-kcina.

Jiftakar li wara hafna zmien is-Sur Galea kien cempillu w beda jghajjat u jilmenta dwar il-kcina u cioe' li kien inqasamlu l-wicc tal-irham ta' dan beda jwahhal fihom. Ghalhekk huwa mar jara xi hsara kien hemm u sab li kollox kien gej mill-perkolazzjoni ta' l-ilma li kien gibidlu l-attenzjoni dwarha precedentement. Jghid illi l-hsara kienet f'genb ta' kaxxa (struttura), fil-qiegh tal-istruttura u fl-istruttura tal-electric oven apparti l-irhama maqsuma. Allura huwa ssuggerixxa lis-Sur Galea biex igib lil tal-appliances u lill-plumber biex jaraw ezattament minn fejn originat il-hsara. Huwa nsista ma' Galea li x-xoghol li kienu ghamlu huma m'ghandux x'jaqsam tal-irham tal-kcina izda kien jirrigwarda biss l-ghamara tal-kcina, tant hu hekk li nonostante t-tnixxija tal-ilma, l-istruttura tal-kcina baqghet b'sahhitha w saret hsara vizibbli biss fil-parti fejn kien hemm il-*leakage*. Sostna li huma lanqas biss kienu prezenti meta twahhal il-wicc tal-irham u li l-hsara kollha saret minhabba dan il-leakage u mhux ghax l-ghamara kienet difettuza. Tenna li nonostante l-leakage qawwi ta' ilma l-istruttura tal-kcina overall baqghet b'sahhitha u dan ikompli juri kemm xoghlhom ghamluh sew. Qal li ghalkemm hu kien qal lis-Sur Galea biex jerga' jkellmu wara li jgib il-plumber u lil tal-appliances, dan ma sehhx izda sussegwentement Galea baghat ittra bl-avukat.

Kompla li sussegwentement tal-Bosch kienu talbuhom stima tal-*oven compartment* peress illi kienu accettaw ir-responsabilita' tal-hsara li kellu l-*oven* izda m'accettawx ir-responsabilita' ghall-hsara tad-*dishwasher*. Jghid li huma kienu baghtulhom stima tax-xoghol, pero' s-Sur Galea kien infurmahom li l-*oven compartment* kellhom jinsewh peress illi x-xoghol kien diga' sar. Hawnhekk jiftakar li hu stess kien qal lis-Sur Galea '*ghala missejt ix-xoghol taghna meta inti stess kont qed tilmenta fuq l-istess xoghol'*, izda dan ma wegibx.

**Ikkunsidrat:-**

Jinghad bla dubbju ta' xejn li l-kawza si tratta fuq kwistjoni teknika w cioe' jekk l-appalt moghti lill-intimati sabiex jahdmu kcina lir-rikorrenti giex esegwit skond is-sengha w l-arti.

In-natura tal-kuntratt ta' appalt kienet trattata fis-sentenza ta' din il-Qorti tad-9 ta' April 1968 fil-kawza **"Busuttil vs Fedele et"** fejn *inter alia* kienet citata s-sentenza tal-Qorti tal-Kummerc li kienet inghatat fid-9 ta' Marzu 1939 fil-kawza **"Micallef vs Mamo et noe"** (Vol.XXX.III.433).

Fis-sentenza "**Busuttil vs Fedele et**", il-Qorti qalet hekk –

*"... il-kuntratt ta' appalt huwa kuntratt bilaterali u dejjem soggett ghal patt kommissorju tacitu. Konsegwentement meta d-difetti fl-ezekuzzjoni jkunu ppruvati, il-kriterju essenzjali tad-decizjoni tinsab fl-ezami jekk ix-xoghol ikunx affett jew le minn vizzji sostanzjali.*

*Dawn huma dawk id-difetti, imsejhin ukoll essenzjali, li jipprivaw il-haga mill-iskop jew mill-utilita' taghhom b'mod li ma tibqax tikkorrispondi mad-destinazzjoni proposta mill-kommittent u ndikata min-natura stess tax-xoghol waqt li l-ohrajn kollha ghandhom jigu ritenuti mhux essenzjali. Meta d-difetti jkunu essenzjali, l-kommittent ghandu d-dritt jitlob ir-rizoluzzjoni tal-kuntratt minhabba l-inadempjenza.*

*Meta ghal kuntrarju d-difett ma jkunx sostanzjali, l-appaltatur ma jistax jigi ritenut inadempjenti pero` jibqa` obbligat li jirripara d-difetti jew jaccetta riduzzjoni."*

Din is-sentenza kienet segwita mid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell (Sede Kummerc) tat-22 ta' Gunju 1994 fil-kawza **"Bonnici noe vs Sammut"**.

Meta tinqala` tilwima dwar appalt, tnejn huma generalment il-kwistjonijiet li Qorti ghandha tikkunsidra –

(1) jekk l-ezekuzzjoni tax-xogholijiet kommissjonati saritx skond l-ispecifikazzjonijiet u l-pattijiet l-ohra stipulati bejn il-kontraenti; u
(2) jekk l-ezekuzzjoni u l-prodott finali kienx konformi mar-regoli ta' l-arti u tas-sengha.

Il-gurisprudenza hija konkordi fl-affermazzjoni li l-appaltatur mhux biss ghandu jezegwixxi x-xoghol mertu tal-appalt, izda ghandu jassikura wkoll li dak ix-xoghol ikun jiswa kemm ghal dik li hija bonta` kif ukoll ghal dik li hija adattabilita` ghall-uzu li ghalihom l-appaltant ikun ippjazza l-ordni.

Din il-Qorti jidhrilha li ghandha tikkonferma, u fl-istess waqt taghmel taghha, il-principji ta` dritt li jirregolaw l-appalt, u li sintesi akkurata taghhom hija migbura fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza "**Darmanin vs Agius"** li kienet deciza fid-9 ta` Ottubru 2004.

Hemm inghad hekk –

*"Bhala l-ewwel principju huwa dottrinalment u gurisprudenzjalment ricevut illi l-appaltatur ghandu l-obbligu li jezegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens li huwa ghandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li `l quddiem juri difetti.*

*L'imprenditore ha l'obbligo di eseguire bene l'opera commessagli, secondo i dettami dell'arte sua, e deve prestare almeno una capacita` ordinaria" (***Kollez Vol.XXVII.I.373***). Dan fis-sens li hu "ghandu jiggarantixxi l-bonta` tax-xoghol tieghu" (***Kollez Vol XL.I.485***).*

*It-tieni principju jghid illi "l-appaltatur li jezegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett ta' l-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezekuzzjoni hazina" (***Kollez. Vol XXXVII.III.883***). Ghax kif jinsab ritenut ukoll "f'kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmilx ix-xoghol, jew ikollu jirrispondi ghad-difetti li jigu `l quddiem" (***Mario Blackman -vs- Carmelo Farrugia et noe***", Appell Kummercjali, 27 ta' Marzu 1972). Dan hu hekk avvolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xoghol (***Kollez. Vol XLI.I.667***) jew l-appaltatur ikun mexa skond l-ispecifications jew l-istruzzjonijiet lilu moghtija mill-kommittent."*

Fil-kaz tal-lum, din il-Qorti tghid, b`riferenza ghat-talbiet attrici li, almenu abbazi ta` dak li rrelata l-Perit Tekniku, irrizulta li mhux ix-xoghol kollu mertu tal-appalt kien ezegwit kif titlob is-sengha w l-arti.

Jinghad li dak l-appaltatur li jezegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett ta` l-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezekuzzjoni hazina proprju (ara l-Art.1069[2] tal-Kap.16) ghaliex huwa jitqies *in kolpa* minhabba l-inadempjiment ta` obbligazzjoni kontrattwali. Naturalment l-*onus* tal-prova ta` danni tibqa` tispetta lil min jallega li garrab danni u dan in linea mar-regola generali.

Dwar il-kwistjoni tad-danni, din il-Qorti zzid tirrileva li fis-sistema legali taghna *hu rikonoxxut lill-gudikant…il poter diskrezzjonali li jillikwida t-telf u l-qligh bl-adoperu tal-kriterju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwitattiva. (Ara a*

*propozitu decizjoni a* ***Vol. XXXV P III p 615*** *fejn gie proprju rikonoxxut, fuq l-istregwa ta' dak espress mill-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni illi "vi hanno casi in cui, non potendosi avere mezzi istruttori, è rimesso al magistrato il valutare 'ex aequo et bono' secondo i dettami della sua ragione e coscienza, l'ammontare del danno al risacrimento del quale taluno fu condannato"* ("**Camilleri et vs The Cargo Handling Co. Ltd**" – Prim' Awla tal-Qorti Civili - 13 ta' Ottubru 2004).

Applikat il-premess ghall-kaz tal-lum, huwa evidenti, mill-mod kif imposta l-azzjoni tieghu, li r-rikorrenti mhux qed jghid li l-vizzji tat-twettieq tal-appalt kienu sostanzjali, tant li ma talabx ir-rizoluzzjoni tal-kuntratt bil-konsegwenzi li talba ta` dik ix-xorta kienet timporta. L-attur fir-realta` qieghed iqis id-difetti bhala mhux sostanzjali tant li ghazel li jitlob li l-kumpannija konvenuta tirrimedja ghad-difetti taghha, in alternativa ghal riduzzjoni fil-prezz tal-appalt.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Abbazi tar-relazzjoni peritali, wiehed jikkonkludi li l-Perit Tekniku sab li xi aspetti mill-ezekuzzjoni tal-appalt ma sarux kif titlob l-arti u s-sengha.

A fol. 5 tar-rapport tieghu il-Perit Tekniku jghid hekk:-

*"Bir-rispett l-esponent huwa ta' l-umli opinjoni illi l-materjal supplit senjament ghall-partijiet fejnhemm l-ilmijiet u fwawar tad-dishwasher u s-sink ma hux wiehed adegwat sabiex jiflah ghal certu ammont inevitabbli ta' fwawar u tixrib u ghaldaqstant s-sottofirmat ihoss ili din il-lanjanza tar-rikorrenti hija teknikament gustifikata.*

*Dwar bibien u kxaxen li huma out of alignment huwa minnu wkoll li stante li f'xi kazi intefah il-materjal ma jistax isir aggustament fic-cappetti, pero' hemm ukoll partijiet ohrajn li b'semplici aggustament li taghmel tajjeb ghalih ic-cappetta innifisha parti mid-difett jsita' jigi rimedjat. Ma hemmx dubju li l-partijiet tal bank tal-kcina in kwistjoi fejn hemm is-sink u d-dishwasher jenhtieg li jinbidlu."*

Illi l-Perit Tekniku jghid li t-talba originali tar-rikorrenti kienet tammonta ghal tmint elef seba' mija w hamsin Ewro w tmienja w tmenin centezmu (€8750.88) kif deskritt u spjegat mill-Perit Andrew Sapienza f'pagna 5 ta' Dok. JG2. Apparti din is-somma hemm ukoll id-drittijiet dovuti lill-Perit Sapienza fl-ammont ta' erba' mitt Ewro (€400) li dwarhom il-Perit Tekniku ma kkumentax jekk ghandhomx jithallsu jew le mis-socjeta' intimata minkejja li jghid li tali ammont fil-fehma tieghu huwa ammont ragonevoli ghax-xoghol li l-Perit ghamel in konnessjoni mat-talba rikorrenti.

Il-Perit Tekniku llimita d-danni sofferti mir-rikorrenti fl-ammont ta' tlett elef Ewro (€3000) u dan fir-rigward u limitatament ghat-talba ghal hlas tar-riparazzjoni tal-kcina taht il-wicc. Irrizulta lill-Perit li l-*Island Unit* jehtieg li tizzarma u diversi partijiet tal-qafas jinbidlu, ghalkemm hemm diversi partijiet, bhal kxaxen u xi attrezzaturi ohra, li jistghu jigu salvati. Jghid li hija s-socjeta' intimata li ghandha taghmel tajjeb ghal din is-somma ta' tlett elef Ewro (€3,000).

Fit-trattazzjoni tieghu l-avukat difensur tas-socjeta' intimata jghid li d-danni li sofrew ir-rikorrenti huma rizultat *sic et simplicite* tal-iskular tal-ilma li sehh minhabba li kien hemm difett fl-*appliances* li sahansitra gew mibdula. Il Perit Tekniku pero' ma jaqbilx ma' din is-sottomissjoni u jghid li dawn id-danni

huma rizultat dirett minhabba li l-appalt moghti lis-socjeta' intimata ma giex esegwit skond is-sengha w l-arti.

Fil-kaz tal-lum, jirrizulta bhala fatt li wara li kien prezentat u mahluf ir-rapport peritali, ma saret l-ebda talba mill-partijiet ghall-hatra ta` periti addizzjonali. Lanqas biss saret eskussjoni tal-Perit Tekniku jew talba ghal xi prezentata ta` noti ta` osservazzjonijiet. Jidher li l-affidvits tas-socjeta' intimata gew prezentati wara li l-Perit Tekniku kien ipprezenta r-relazzjoni tieghu, u dan meta l-Perit Tekniku ma giex impedut milli jisma' xi provi hu direttament.

Huwa minnu li fl-affidvits li gew prezentati mis-socjeta' intimata, z-zewg xhieda prodotti jittentaw jaghtu l-kolpa lir-rikorrenti jew ahjar lis-socjetajiet li ghamlu l-irham f'wicc l-*island* u lis-socjeta' li pprovdiet l-*appliances*, pero' mill-esperjenza teknika tal-Perit nominat mill-Qorti, minkejja li verament kien hemm nuqqas min-naha taghhom, tant li s-somma originali msemmija fir-rikors promotur giet ridotta konsiderevolment, xorta jirrizulta fil-fehma tieghu li s-socjeta' intimata kellha xi nuqqas li ghandha tirrispondi ghalih.

Wara li qieset il-konkluzjonijiet peritali u l-fatt li l-kontendenti ma ressqu l-ebda teknika kontra tali konkluzjoni, din il-Qorti ma ssibx li ghandha ghalfejn tiddistakka ruhha mill-accertamenti teknici u fattwali tal-perit. Ghalhekk din il-Qorti sejra toqghod fuq l-accertamenti u l-konkluzjonijiet tieghu.

Dwar il-piz probatorju ta` relazzjoni peritali jinghad fis-sentenza moghtija fid-19 ta` Novembru 2001 fl-ismijiet "**Calleja vs Mifsud**", il-Qorti tal-Appell qalet hekk -

*"Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi*

*prova ta` fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero', huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikors ta' l-appell illi l-mertu tal-prezenti istanza kien kollu kemm hu wiehed ta' natura teknika li ma setax jigi epurat u deciz mill-Qorti minghajr l-assistenza ta' espert in materja. B'danakollu dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex thares b'lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex tezita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx wahda sodisfacentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konkluzjoni ma kenitx sewwa tirrizolvi l-kwezit ta' natura teknika".*

In linea ta` principju, ghalkemm Qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet ta` perit tekniku kontra l-konvinzjoni taghha (*dictum expertorum numquam transit in rem judicata*), fl-istess waqt dak ma jfissirx pero` illi Qorti dan tista' taghmlu b'mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'ragunijiet li m'ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni tal-aspett tekniku tal-materja taht ezami ("**Grima vs Mamo et noe"** – Qorti tal-Appell – 29 ta' Mejju 1998).

Jigifieri Qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta` tali relazzjoni ma kienetx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku. ("**Cauchi vs Mercieca**" – Qorti tal-Appell – 6 ta' Ottubru 1999 ; "**Saliba vs Farrugia**" – Qorti tal-Appell – 28 ta' Jannar 2000 u "**Calleja noe vs Mifsud**" – Qorti tal-Appell – 19 ta` Novembru 2001).

*Il giudizio dell`arte* espress mill-perit tekniku ma jistax u m'ghandux [aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta` lilha moghtija ta' talba ghan-nomina ta` periti addizzjonali] jigi skartat facilment, ammenokke` ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli" – ("**Bugeja et vs Muscat et**" – Qorti tal-Appell – 23 ta` Gunju 1967).

Ghalhekk a bazi tas-suespot din il-Qorti qieghda tilqa' r-rapport tal-Perit Tekniku u qed tabbraccja l-konkluzjonijiet tieghu, b'dan illi qed tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti fl-ammont ta; tlett elef Ewro (€3,000) fir-rigward tal-kcina. Dwar ix-xoghol li twettaq minn professjonist, cioe' l-Perit Andrew Sapienza, jinghad li r-rikorrenti kellhom jirrikorru ghalih sabiex jottjenu rapport inizjali *ex parte* li a bazi tieghu setghu fethu l-kawza odjerna – din il-Qorti ma thossx li ghandha tidhol fih, fis-sens li tara jekk il-hlas li sar lilu kienx eccessiv jew le, ghaliex dan mhux il-punt tal-kontestazzjoni – pero' jinghad li kien a bazi ta' dan ir-rapport preliminari li nfethet il-kawza odjerna, u li tieghu ir-rikorrenti gja hallsu, ghalhekk jispetta li jigu rimborsati ta' din l-ispiza wkoll.

**Ghalhekk din il-Qorti qieghda, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' intimata fejn hija cahdet ir-responsabilita' taghha ghad-danni sofferti mir-rikorrenti, tilqa' l-eccezzjonijiet taghha fir-rigward tax-xoghol li sar in konnessjoni mal-istallazzjoni tal-irham fil-kcina u tat-tqeghid taghha u tal-istallazzjoni tal-*appliances*, partikolarment tad-*dishwasher* u tal-*gas hob*, stante li dawn ma sarux minnha. Qeghda tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti fl-ammont ta' tlett elef u erba' mitt Ewro (€3400) u ghalhekk qed tikkundanna lis-socjeta' intimata thallas din l-istess somma lir-rikorrenti.**

***Illum, 16 ta' Dicembru, 2015.*** ***Magistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.***

**L-ispejjez ta' din l-kawza jithallsu in kwantu ghal terz mis-socjeta' intimata, stante li effettivament din il-Qorti qed tikkundanna lis-socjeta intimata thallas kwazi terz biss minn dak originarjament mitlub minnha u tordna lir-rikorrenti ihallsu r-rimanenti zewg terzi ta'l-ispejjez tal-kawza.**

**Dott. Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Marbeck Spiteri**
**Deputat Registratur**